# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlieta (3) ta' Diċembru 2020**

**Rikors Numru 897/17 FDP**

Fl-ismijiet

**Banif Bank (Malta) p.l.c. (C 41030)**

**Vs**

**Malta Projects Development Limited (C 49265), Michael Agius (ID 491950M), Maria Clotilde Agius (ID 96849M), Eman Agius (ID 454880M) u Christine Agius Tellus (ID 4844482M) u, b'digriet tat-8 ta' Ottubru 2018 u tas-6 ta' Novembru 2019, ġew nominati Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bħala Kuraturi Deputati għall-eredi mhux magħrufa ta' Maria Clotilde Agius.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Ottubru 2017, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet s-segwenti:

   1. *Illi l-kumpanija esponenti hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn isellef flus lill-klijenti tagħha;*

   2. *Illi l-kumpanija debitriċi prinċipali hija klijent tal-kumpanija esponenti u ħadet mingħandha self biex tiffinanzja n-negozju tagħha;*

   3. *Illi s-self kien jikkonsisti fis-segwenti:*
      i. *Business Overdraft ta' mitt elf Euro (€100,000) konċess lill-kumpanija debitriċi prinċipali ai termini ta' kuntratt pubblikat fl-*

*atti tan-Nutar Dr Sandra Valentino fit-2 ta' Mejju 2012 (ara Dok. 'A') u 1-Credit Agreement relattiv datat 23 ta' Jannar 2012 (ara Dok. 'B'), liema Business Overdraft jikkonċerna Current Account numru 25336710 001, u*

ii. *L-użu ta' żewġ Credit Cards, rispettivament bin-numri 4196 7970 00011699 u 4196 7970 00011681 (ara Dok. 'C');*

4. *Illi l-kumpannija debitriċi prinċipali naqset milli tħallas lura s-self u konsegwentement, id-dejn hu kif ġej:*

   i. *kwantu l-Business Overdraft fuq imsemmi, l-ammont ta' mija u tletin elf, tmien mija u tlett Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€130,803.74) dovut fuq Current Account numru 253367 10 001 bl-imgħaxijiet inklużi t'għoxrin elf, seba' mija u sebgħa u erbgħin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€20,747.67) maħduma sat-13 ta' Settembru 2017 (ara Dok. 'D'), u*

   ii. *kwantu Credit Card numru 4196 7970 0001 1699, l-ammont t' erbat elef, tlett mija u sitt Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€4,306.32), bl-imgħaxijiet inklużi ta' ħames mija u tmenin Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€580.27) maħduma sat-13 ta' Settembru 2017 (ara Dok. 'E'), u*

   iii. *kwantu Credit Card numru 4196 7970 0001 1681, l-ammont ta' tlett elef, mitejn u tlieta u sittin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3,263.25) bl-imgħaxijiet inklużi t'erba' mija u disgħa u tletin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€439.72) maħduma sat-13 ta' Settembru 2017 (ara Dok. 'F');*

5. *Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut hu ta' mija u tmienja u tletin elf, tlett mija u tlieta u sebgħin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€138,373.31);*

6. *Illi d-dejn fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tiegħu mill-kumpanija debitriċi prinċipali lill-kumpanija esponenti:*

   i. *In kwantu l-Business Overdraft fuq imsemmi, ai termini ta' klawsola 9(o) tal-Credit Agreement markat Dok. 'B' u msemmi aktar 'il fuq, stante li kif qed tistipula din l-istess klawsola, seħħew waħda jew aktar mill-Events of Default imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, iżda mhux esklussivament*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of die obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility",*

ii. *in kwantu l-Credit Cards fuq imsemmija, ai termini ta' klawsola 11(f) tal-Conditions Of Use relattivi (ara Dok. 'G');*

7. *Illi kull wieħed mill-intimati l-oħra, ossija Michael Agius, Maria Clotilde Agius, Eman Agius u Christine Agius Tellus daħlu garanti solidali mal-kumpannija debitriċi prinċipali u dan ai termini ta' Dok. 'A' msemmi aktar ʻil fuq kwantu l-ewwel tnejn u ai termini tal-istess Dok. 'A' u Dok. 'H' kwantu t-tnejn l-oħra;*

8. *Illi in virtu' ta' dawn il-garanziji, l-imsemmija Michael Agius, Maria Clotilde Agius, Eman Agius u Christine Agius Tellus huma responsabbli solidalment mal-kumpanija debitriċi prinċipali sabiex iħallsu d-dejn ta' din tal-aħħar, u dana skond kif patwit minnhom fl-istess garanziji;*

9. *Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-intimati diversi drabi biex iħallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittra legali datata 9 ta' Mejju 2014 (ara Dok. 'I') u ittra uffiċjali numru 3843/2015 datata 19 ta' Novembru 2015 (ara Dok. 'J'), iżda dawn baqgħu inadempjenti;*

10. *Illi l-kreditu tal-kumpanija esponenti huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;*

11. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-kumpannija esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

2. *tiddikjara li l-intimati huma solidalment bejniethom, debituri tal-kumpanija esponenti fl-ammont ta' €138,373.31, b'dana li r-responsabbilta' tal-ħlas ta' kull wieħed mill-garanti solidali Michael Agius, Maria Clotilde Agius, Eman Agius u Christine Agius Tellus tkun skond kif pattwit minnhom fil-kuntratti ta' garanzija rispettivi; u*

3. *tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom, iħallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont komplessiv ta' €138,373.31, b'dana li r-responsabbilta' tal-ħlas ta' kull wieħed mill-garanti solidali Michael Agius, Maria Clotilde Agius, Eman Agius u Christine Agius Tellus tkun skond kif pattwit minnhom fil-kuntratti ta' garanzija rispettivi,*

*Bl-ispejjeż, bank charges u fees u bl-imgħaxijiet mit-13 ta' Settembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv u dan kollu ai termini tal-Credit agreement fuq imsemmi u mmarkat Dok. 'B' u kif ukoll tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'K'), il-conditions of Use (ara Dok. 'L') u t-tariff of Charges (ara Dok. 'M') relattivi għall-Current Accounts u kif ukoll il-Conditions of Use (ara Dok. 'G') msemmi aktar 'il fuq u t-Tariff of Charges (ara Dok. 'N') relattivi għall-Credit Cards.*

*L-imgħaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

1. *bl-għaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account numru 253367 101 u fuq imsemmi, u dan skond kif stipulat fit-Tariff of Charges relattivi markati Dok. 'M' u msemmija aktar 'il fuq (ara markar bl-aħdar), u*

2. *bit-tmienja punt tnejn ħamsa fil-mija (8.25%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Credit Cards numri 4196 7970 0001 1699 u 4196 7970 0001 1681 fuq imsemmija u dan skond kif stipulat fit-tariff of Charges relattivi mmarkati Dok. 'N' u msemmija aktar 'il fuq (ara markar bl-aħdar).*

*L-intimati huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u dan b'riżerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-kumpanija esponenti fil-konfront tal-istess intimati.*

2. Rat illi Michael Agius ġie notifikat fil-11 ta' Ottubru 2017, u ma ppreżenta ebda eċċezzjonijet fit-terminu stabbilit fil-Liġi.

3. Rat illi jirriżulta li Maria Clothilde Agius hija mejta, kif jidher fir-referta datata 11 ta' Ottubru 2017. (fol 74)

4. Rat illi Eman Agius ta' ruħu notifikat fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017 u ma ppreżenta ebda eċċezzjonijiet.

5. Rat illi s-soċjeta' Malta Projects Development Limited u Christine Agius Tellus ġew notifikati bl-affissjoni fil-15 ta' Diċembru 2017 (fol 90), bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Diċembru 2017 (fol 91) u fil-gazzetta The Malta Independent datata 31 ta' Jannar 2018. (fol 97)

6. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2018, la rappreżentant tas-soċjeta' Malta Projects Development Ltd u lanqas Christine Agius Tellus ma dehru, u għalhekk tqiesu bħala kontumaċi.

7. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2018, il-Qorti ġiet infurmata illi l-partijiet qed jippruvaw jaslu għal transazzjoni.

8. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-proċess.

9. Rat illi b'digrieti tat-8 ta' Ottubru 2018 u tas-6 ta' Novembru 2019, ġew nominati Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bħala Kuraturi Deputati għall-eredi mhux magħrufa ta' Maria Clotilde Agius

10. Rat illi fid-19 ta' Novembru 2019, il-Kuraturi Deputati ppreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fejn stqarrew illi ma kinux edotti mill-fatti. (fol 165)

11. Rat illi fit-28 ta' Novembru 2019, wara tmien seduti fejn il-Qorti ġiet mgħarrfa li transazzjoni kienet qed tiġi koltivata, il-partijiet għarrfu illi ma waslux għal transazzjoni u l-Qorti awtorizzat lill-intimati notifikati sabiex lkoll jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom.

12. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2019, l-Qorti osservat illi eċċezzjonijiet ma daħlux u għalhekk l-intimati huma kollha kontumaċi.

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Alfred Ferrante**, rappreżentant tal-Bank rikorrenti, mogħtija fis-27 ta' Frar 2020, wara liema xhieda s-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

14. Rat illi fil-15 ta' Ġunju 2020, il-Kuraturi Deputati għarrfu illi ma kellhomx provi x'jippreżentaw.

15. Rat illi fil-15 ta' Ġunju 2020, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet.

16. Rat illi l-kontumaċi ma ppreżentaw ebda sottomissjonijiet.

17. Rat illi s-soċjeta' rikorrenti ppreżentat s-sottomissjonijiet tagħha fit-30 ta' Settembru 2020.

18. Rat illi fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kuraturi Deputati ppreżentaw s-sottomissjonijiet tagħhom.

19. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2020 il-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

20. Tosserva illi, mill-provi prodotti quddiem il-Qorti, ma hemm ebda raguni għaliex dina l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba kif dedotta, kemm għax l-intimati huma lkoll kontumaċi u ma għamlu ebda sottomissjonijiet finali in difiża, kif ukoll in vista tal-fatt illi l-Kuraturi Deputati għall-eredi tal-mejta Maria Clothilda Agius ma kellhom ebda provi x'jippreżentaw.

21. Rat illi għalhekk it-talba attriċi timmerita illi tiġi akkolta kif mitluba.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba,

**Tilqa'** t-tieni u tielet talba kif dedotti u għalhekk;

**Tiddikjara** li l-intimati kollha, solidalment bejniethom, debituri tal-kumpanija esponenti fl-ammont ta' €138,373.31; u

**Tikkundanna** lill-intimati solidalment bejniethom, iħallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont komplessiv ta' €138,373.31.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni kif ukoll **l-Imghax** kif mitlub fir-rikors promotur, ikunu a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**